ma daħħal l-Istampa f'Malta (9).
kollha fuqu, talli ddawwar ma daħħal l-Istampa f'Malta (9).
Kif rajna, il-ħtija ta' dan it-tfixkil kollu kienet Ruma wa-
ħedha, billi din baqgħet iebsa u ma ċċaqalqet xejn minn dak li
debrilha taqta' hi biss dwar kif kellha titħaddem din is-Sengħa
f'dawn il-Gżejjer.
Iżda, is-saram li semmejna, ma kienx waħdu li feġġ biex
ikedd lill-Gran Mastru u miegħu wkoll l-Ordni kollu. Minn
Ruma deher ġej tilwim ieħor ġdid li għal daqsxejn ma baramx
miegħu l-Istatuti ta' l-Ordni wkoll.
Fit-13 ta' Novembru, 1640, wasal hawn Malta, lura minn
Ruma, il-Pirjol Imbroll. Miegħu ġieb l-aħbar dwar xi twegħir li
nqala' biex żammew u ma għaddewx l-Istatuti. Fuq hekk, il-
Gran Mastru kiteb mill-ġdid lin-nies tiegħu f'Ruma, biex jibagħ-
tulu tagħrif sewwa u bir-reqqa kollha dwar dak it-tibdil u ż-żieda
li għamlu fl-Istatuti dawk il-Prelati li ġew maħtura mill-Papa.
Hawn reġa' beda x-xogħol u t-talb bil-ħerqa ħalli jagħtuhom dak
l-imbierek ta' tibdil li kelu jsir fihom. Fl-aħħar, wara ħafna taħ-
bit u bosta telf ta' żmien, l-Ambaxxatur ta' l-Ordni kisibhom u
bagħathom lejn Malta.
Iżda, it-tiġbid dwar l-Istatuti baqa' sejjer fit-tul iż-żejjed
bħal qabel. Għalhekk kellu jgħaddi qatigħ ilma minn taħt il-
mitħna sakemm wasal biex jitfaċċa dak il-mistenni u mixtieq
jum li fih l-Ordni rnexxielu jara l-mogħdija u t-twettiq tagħhom
minn Ruma.

*(Jissokta)*

---

## MNEJN HU MNISSEL XI KLIEM MALTI

*Tan*-Nutar C. Micallef De Caro

ĠESU' *jew* ĠIEŻU? — Aħna l-Maltin l-Iben t'Alla, Feddej tagħna, dejjem sejjaħnielu "Ġesù", għalhekk qatt ma stajt nifhem il-għala l-Knisja tal-Patrijiet Minuri tal-Belt isejħulha "Ta' Ġieżu" u mhux "Ta' Ġesù". Issa rnexxieli nsib il-għala: jiġifieri billi għall-bidu li nħoloq l-ilsien Taljan kienu jiktbuh *Giesu*, u hekk tidher il-qdumija ta' dik il-Knisja.

Jista' jkun ukoll li billi bil-Latin *Gesù* huwa *Jesus*, il-Maltin li ma jafux b'dak il-lsien qraw il-kelma *Ġieżu*, u dik il-Knisja baqgħet tissejjaħ hekk.

---

(9) E. Parnis: *Notes on the first establishment and actual state of Prining Press in Malta*. Malta, 1916.



# Karmensita

*Ta'* Ġużè Ellul

IL-LUM x'aktarx insejtni—u ma nlumekx.

X'għandek xi jfakkrek fija għajr ħsieb, li minn dak in-nhar li itqajt miegħek u ma rajtekx aktar, min jaf kemm-il darba tar għal ħdejk, kemm dar miegħek, kemm żiegħel bik, kemm faw-war bil-bews lill-qrolli fommok, kemm tgħaxxaq bis-sbieħ għaj-nejk, kemm thenna jħares lejn ġbinek li jilma d-dehen li bih int imżejna!?

Karmensita — ħallini nsejjaħlek b'dan l-isem ħelu li bħal-ma taf int, ifakkarni f'lejla li ninsa ma nista' qatt; f'lejla li fiha ħsebijietna ltaqgħu, f'lejla li fiha, mill-bogħod, qlubna ħabbtu taħbita waħda u mxew flimkien fl-isqaqijiet ħelwin ta' l-imħab-ba; f'lejla li fiha, għal darba waħda biss, int urejtni li ntbaħt u li taf li għandek qalb oħra mjassra għal wara tiegħek bil-qawwa tal-għaġeb li biha l-imħabba taf tjassar qalb.

Karmensita — titbissimx u tiftaħx fommok, jekk qatt għaj-nejk is-sbieħ imorru fuq dan il-ħżuż li għajrek ma jifhmu ħadd; żommu f'qalbek; għożżu u la xxandrux. Dan hu tiegħek biss. Żommu bħala tifkira għażiża u qaddisa ta' qalb safja li ħabbitek, mingħajr ma tniffset, fil-ħemda u fis-sikta tan-niket tagħha; ta' qalb li ħabbitek aktar minn kemm-il qalb oħra tista' tħobbok, la darba kienet taf li tiegħek ma tista' tkun qatt.

Karmensita — ħolqien xieraq għall-bews u għall-imħabba ta' l-anġli! Jekk qatt għajnejk jaqgħu fuq dawn il-ħżuż, la tkas-brux b'kelma waħda. Itboq fommok! Ixxandarx ir-rebħa tiegħek fuq qalb oħra; iżda għożżu bħala moħba għażiża ta' qalb li ġar-rbet ħafna mħabba fik!

Karmensita — għalija l-aktar tifkira ħelwa u l-egħżeż fost kollha, issa li għedtlek kemm ħabbejtek—u kif jista' min jarak darba ma jħobbokx?—tkasbarnix; tiddieħekx bija; tħallix oħ-rajn għajrek isiru jafu li sraqtli 'l qalbi; u sakemm tibqa' ma tinsinix għal kollox, tħalli 'l ħadd ikun jaf kemm ħabbek dak li issa qed isejjaħlek, u bir-raġun, bl-isem ħelu ta' Karmensita.

---